MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1872/1998/1

**"Dingli Co. International Ltd." bhala Agent f'Malta,**
**ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera**
**"The Performing Right Society Limited"**
**ta' Londra, Ingilterra.**

**v.**

**Smash Communications Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Settembru, 1998 is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta permezz ta’ l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem “Smash Radio”, liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza lilha allokata 104.6 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil haddiehor ixandar f’Malta, sa mill-31 ta’ Ottubru, 1994, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil haddiehor ixandar f’Malta, diversi xoghlijiet muzikali tutelati ossia “*copyright*” u debitament ikkontrollati mis-socjeta` attrici, a rigward ta’ liema xoghlijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f’Malta ta’ l-att tax-xandir skond il-ligi; u premess illi ghal fuq imsemmi xandir is-socjeta` konvenuta ma kinitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenzja relattiva minghand is-socjeta` attrici skond kif kien mehtieg a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 13 (1) ta’ l-att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta); u peress illi b’hekk is-socjeta` konvenuta giet li ttrasgredit u ghadha qieghda tittrasgredixxi d-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici; u premess illi b’konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici l-istess socjeta` attrici soffriet danni konsiderevoli, senjatament in-nuqqas ta’ hlas tar-“*Royalties*” lilha dovuti skond it-Tariffi taghha vigenti filwaqt il-perjodu kollu tat-trasgressjoni; u premess illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi, anke gudizzjarjament, sabiex tottempora ruhha mal-ligi billi tapplika ghal u tottjeni l-hrug tal-licenzja relattiva, l-istess socjeta` konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti, li, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta ttrasgredixxiet d-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici billi sa mill-31 ta’ Ottubru, 1994 u permezz ta’ l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem “Smash Radio”, liema stazzjon tar-radju jittrasmetti

terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta’ 104.6 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil haddiehor ixandar f’Malta, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil haddiehor jxandar f’Malta, dawk l-istess xoghlijiet muzikali – a rigward ta’ liema xoghlijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f’Malta ta’ l-att tax-xandir skond il-ligi;

2) tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici ;

3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici; u

4) tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli xxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati ossia “*copyright*” u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta` attrici, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta’ l-att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta ) – taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni ta’ l-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fil-5 ta’ Marzu, 1999 is-socjeta` konvenuta resqet is-segwenti eccezzjonijiet:
1) Illi fl-ewwel lok is-socjeta` konvenuta ma hiex il-legittima kontradittrici u ghalhekk ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Illi fit-tieni lok, din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-danni

peress li din il-materja hija gurisdizzjonalment rizervata lill-Bord tal-Copyright skond Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Illi l-attur nomine ma jistax jipprocedi ai termini tal-provvediment tal-Copyright Act Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta peress li x-xandiriet in kwistjoni kienu jikkonsistu f'xandiriet ritrasmessi u bhala tali huma ezenti mill-komminazzjonijiet tal-Copyright Act fuq imsemmi b'artikolu 40 ta' l-Att Dwar ix-Xandir u peress ukoll li hawn si tratta ta' xandir mill-gdid, li skond l-istess interpretazzjoni tal-kelma "Xandir" f'artikolu 2 tal-Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta, tali xandir mhux kolpit mill-komminazzjonijiet ta' l-istess Kap tal-Ligijiet, u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju irid jigi ppruvat li l-persuna li ffirmat il-prokura u rrilaxxjata mill-Performing Rights Society Limited a favur tas-Socjeta` Dingli Co. International Ltd. (Dok. A), hi fil-fatt il-persuna guridikament idoneja skond l-istess statut u articles tal-P.R.S. Ltd., biex fil-fatt taghti tali mandat – fin-nuqqas, l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

5) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost il-P.R.S. Ltd. m'hijiex awtonoma ai termini ta' l-artikolu 4 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi anke hawn l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

6) Illi ma tezisti ebda cessjoni favur P.R.S. Ltd. kienet parti ghal dak il-ftehim, hlief li persuni ghan-nom ta' dik is-socjeta` ffirmaw dak id-dokument u kwindi l-azzjoni tentata m'hijiex sostenibbli kontra l-eccipjent a bazi tac-cessjoni jew assignment imsemmi. Di piu' f'kaz li jigu esebiti dawn id-deeds of assignment u ftehim iehor relatati mad-drittijiet vantati irid jigi ppruvat li thallas il-Boll fuq id-dokument.

7) Illi dato ma non concesso, li hawn si tratta ta' cessjoni vera u proprja, kull cessjoni esebita kienet soggetta ghall-kundizzjoni resoluttiva li "the assignor is a

member of the Society" u kwindi jrid jigi ppruvat, li kull "assignor" jew cessjonant f'dawk id-deeds, fil-mument ta' l-azzjoni kien ghadu membru tal-P.R.S. Ltd. ghax altrimenti l-P.R.S. Ltd. ma setghetx tipprocedi kontra l-eccipjent bl-istanti.

8) Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda kontra taghhom bl-ispejjez.

9) Illi dwar il-mertu tal-kawza odjerna diga` hemm kawza ohra simili, citazzjoni numru 1490/94 FGC. Ghalhekk ikun utli li dawn iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien ghall-ekonomija tal-gudizzju u spejjez.

10) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza l-ewwel b'sentenza preliminari meta giet michuda t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha, u minn din is-sentenza ma gie intavolat ebda appell, u finalment b'sentenza tal-25 ta' Frar, 2005 li minnha qed isir appell. F'dik is-sentenza l-ewwel Qorti pprovdiet hekk:

"Ghal dawn il-motivi

"Il-Qorti tiddeciedi billi

"Tichad l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` konvenuta;

"Tilqa' t-talbiet attrici u

"Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet ta' l-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici billi xandret dawk ix-xoghlijiet minghajr licenzja mill-atturi; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta' din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' hamest elef u erbghin lira Maltin (Lm5,040);

“Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata;

“Tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli xxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta` attrici.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“<u>Responsabbilita`</u>

“Il-kawza tirrigwarda allegata trasgressjoni tad-drittijiet ta’ l-awtur da parti tas-socjeta` konvenuta a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 13 (1) ta’ l-att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta) illum l-Artikolu 42(1) ta’ l-Att V111 tal 2000 dwar Drittijiet ta’ l-Awtur.

“Billi l-fatti li taw lok ghal dina l-kawza pero` jirrisalu ghal qabel it-2000, u l-kawza odjerna giet prezentata qabel il-bdil fil-ligi, ghalhekk skond id-disposizzjonijiet transitorji il-ligi applikabbli ghadha l-Kap 196.

“Jirrizulta mill-provi, ara xhieda ta’ John Dingli, li s-socjeta` konvenuta permezz ta l-istazzjoni tar-radio taghha Smash Radio, xandret u qieghda xxandar diversi xoghlijiet muzikali minghajr ma s-socjeta` konvenuta applikat jew ottjeniet il-licenza necessarja minghand is-socjeta` attrici li tgawdi dritt esklussiv ghall-kontrol f’Malta tax-xandir ta’ dawn ix-xoghlijiet muzukali. B’konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni s- socjeta` attrici sofriet danni konsistenti fin-nuqqas ta’ hlas tar-“*Royalties*” lilha dovuti skond it-Tariffi taghha vigenti filwaqt il-perjodu kollu tat-trasgressjoni. Is-socjeta` attrici pprezentat dokument B a fol 52 u 153 fejn gew indikati t-transgressjonijiet jew *infringements* li gew *monitored* minnha u t-tariffi li japplikaw ghall-kaz (Ara Dokument a fol 53 u xhieda a fol 155).

“Is-socjeta` attrici estera tgawdi u tikkontrolla d-drittijiet ta’ l-awtur fix-xoghlijiet muzikali mertu tal-kawza u dana bis-sahha tad-*Deeds of Assignment* li gew ezibiti a fol 57 et seq. Il-konvenuti sostnew fis-sottomissjonijiet taghhom li dawn id-drittijiet skadew imma huma ma gabu ebda prova li fil-fatt id-drittijiet vantati mis-socjeta` attrici skadew jew ghaddilhom it-terminu.

“Illi skond l-artikolu 13 tal-Kap 196, li hu applikabbli ghall-kaz, *id-drittijiet ta’ l-awtur jigu trasgrediti minn kull persuna li taghmel jew iggieghel lil haddiehor li jaghmel, minghajr licenza tal-propretarju ta’ dawk id-drittijiet, att li l-eghmil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta’ l-awtur*.

“Is-socjeta` attrici qed tippretendi li kien hemm trasgressjoni bejn il-31 ta’ Ottubru 1994 (id-data li fiha giet prezentata c-citazzjoni 1490/1994) sat-3 ta’ Settembru, 1998 id-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

“Andrew Farrugia, ghall-konvenuti, xehed li huma kienu pprovaw jilhqu arrangement ma’ l-atturi pero` dawn unilateralment ddecidew cifra li jridu bhala *collection* u huma ma qablux (ara fol 348). Ir-raguni moghtija mill-konvenuti izda ma tiggustifikax il-vjolazzjoni kontinwa tal-ligi da parti taghhom fil-konfront tas-socjeta` attrici. Huma kellhom kull dritt li jekk ma qablux mat-talba attrici u t-tariffi li kienet qed timponi, li jmorru quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet ta’ l-awtur skond l-artikolu 15, haga li huma naqsu milli jaghmlu. Huma pero` ma setghux jibqghu jittrassmettu minghajr licenzja u bi vjolazzjoni tal-ligi bla ma jhallsu xejn. Jekk is-socjeta` konvenuta ma qablitx mat-tariffi semai messha ma xandritx ix-xoghlijiet imharsa bid-drittijiet ta’ l-awtur u mhux ixxandar bla licenzja.

“<u>Likwidazzjoni danni</u>

*“Fl-affidavit tieghu, Nicholas Kounoupias, Head of Litigation* tas-socjeta attrici estera, (fol 146) spjega “*what the appropriate radio broadcasting tariffs are for the territory of Malta”. Hu qal li: Net Broadcasting Revenue is calculated as 85% of the gross revenue from broadcasting*

*including advertising, sponsorship, donations, barter, contra deals and other revenue directly related to the programs broadcast. Any external costs directly and reasonably incurred in producing outside broadcasts is then deducted provided that if such costs exceed the value of the sponsorship revenue such revenue shall be nil*.

"Is-socjeta` konvenuta qed titlob danni konsistenti fin-nuqqas ta' hlas tar-"*Royalties*" lilha dovuti skond it-Tariffi taghha li kienu japplikaw fil-perjodu kollu tat-trasgressjoni. Dok B2 a fol 53. Id-danni reklamati mis-socjeta` attrici huma dovuti lilha billi d-drittijiet ta' awturi tas-siltiet muzikali gew mghoddija lis-socejta` attrici.

"Fil-kaz in ezami stante li n-Net Broadcasting Revenue tas-socjeta` konvenuta ma jabizx is-somma ta' Lm230,000 it-tariffa rilevanti hija dika ta' 3% mahduma fuq l-istess NBR. Is-socjeta` konvenuta, jekk ma taqbilx mat-tariffa tas-socjeta` attrici, setghet tirrikorri quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur sabiex titlob li tigi stabbilita t-tariffa xierqa skond il-ligi.

"Is-socjeta` konvenuta qed tissottometti li l-istazzjon Smash Radio ma jxandarx muzika biss u anke jekk ixandar aktar min-nofs bhala muzika, ma jfissirx li l-muzika kollha hija koperta bid-drittijiet ta' l-awtur protetti mis-socjeta` attrici. Ghalhekk huma jissottomettu li t-tariffa ghandha tapplika billi tikkunsidra nofs id-dhul ta' dan l-istazzjon.

"Il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess billi l-bazi tal-kalkolu ghad-drittijiet tas-socjeta` attrici huwa li n-*Net Broadcasting Revenue is calculated as 85% of the gross revenue from broadcasting*, li fuqu hemm tariffa tad-drittijiet taghha ta' 3%. Is-socjeta` attrici mhux qed tippretendi 85% tar-*revenue* tas-socjeta` konvenuta imma 3% fuq dan il-*broadcasting revenue*. Diga` gie indikat x'kellha taghmel is-socjeta` konvenuta meta ma qablitx ma' dina t-tariffa.

“Is-socjeta` attrici qed titlob dawn id-danni a tenur ta’ l-artikolu 13 tal-Kap 196 billi t-trasgressjonijiet kienu gravi u kontinwi mentri l-penali prevista fl-artikolu 13 (3) hija wahda rrizorja.

“Skond ix-xhieda ta’ l-awditur Anton Chetcuti Ganado u d-dokument minnu ezibit il-*gross turnover* tas-socjeta` konvenuta kien jammonta ghal Lm77,000 ghas-sena finanzjarja 1995; ghal Lm47,099 ghas-sena 1996; Lm25,000 ghas-sena 1997 u Lm64,801 ghas-sena 1998. Illi skond it-tariffa (NBR) tas-socjeta` attrici ghal finijiet ta kalkolu ta’ *Royalties* ghandu jitqies 85% tad-dhul gross mix-xandir wara li tnaqqsu kummissjonijiet, b’hekk l-ispejjez li tkun ghamlet is-socjeta` konvenuta jigi mnaqqsa wkoll.

“Ghalhekk id-danni sofferiti mis-socjeta` attrici kienu hekk:

1995 Lm1,963 cjoe 3% ta’ Lm65,450 cjoe 85% ta’ Lm77,000
1996 Lm1,201 3% ta’ Lm40,034 cjoe` 85% ta’ Lm47,099
1997 Lm 637 3% ta’ Lm21,250 cjoe` 85% ta’ Lm25,000
1998 Lm1,239 3% ta’ Lm41,310 cjoe` 85% ta’ Lm48,600 (9 months)

“Danni totali Lm5,040

“<u>Inibizzjoni</u>

“Is-socjeta` konvenuta qed tissottomettti li l-ahhar talba tas-socjeta` attrici ma tistax tregi guridikament billi ma tistax b’mod indiskriminat tinibixxi in perpetwu lis-socjeta` konvenuta milli xxandar.

“Illi jigi rilevat li s-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta ma tkomplix tikser il-ligi fil-konfront taghha u hija ghandha dritt taghmel dana biex ma thallix lis-socjeta` konvenuta tikser id-drittijiet taghha ta’ l-awtur imharsa mil-ligi.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 2005 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka l-imsemmija sentenza u dana billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici appellata ipprezentat risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn talbet li l-appell taghha jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta appellanti ressqet bazikament tlett aggravji dwar is-sentenza fuq riportata u dawn huma s-segwenti:

a) Dwar ir-responsabbilita` billi s-socjeta` konvenuta appellanti issotni li l-ewwel Qorti ghamlet hazin meta irriteniet li kienet l-istess socjeta` li kellha tadixxi l-Bord Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur u li fin-nuqqas kellha thallas skond it-tariffa.

b) Dwar il-likwidazzjoni tad-danni billi l-appellanti tirritjeni li d-danni li jigu likwidati ghandhom jirriflettu t-telf effettiv ta' l-istess socjeta` attrici.

c) Dwar l-inibizzjoni billi tirritjeni li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti taghmilha impossibbli ghall-istess socjeta` li xxandar dak li ghandha dritt taghmel skond il-licenzja ottenuta mill-awtoritajiet.

**Ikkunsidrat:**

Dwar ir-responsabbilita` is-socjeta` konvenuta appellanti hassitha aggravata billi, skond hi, "*l-ewwel Qorti rabtet il-kwistjoni tar-responsabbilita` ghat-trasgressjoni tad-drittijiet ta' l-awtur koperti mis-socjeta` appellata mal-fatt*

*illi l-istess socjeta` appellanti ma marritx quddiem il-Bord kompetenti li huwa l-Bord Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur halli tikkontesta t-tariffi imposti fuqha …..".*

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher bl-aktar mod car li dan l-aggravju mhux gustifikat. Infatti l-ewwel Qorti rriteniet lis-socjeta` appellanti responsabbli ghat-trasgressjoni tad-drittijiet ta' awtur billi sabet, skond l-Kap 196, illi l-istess socjeta` appellanti kienet qed tittrazmetti muzika koperta bid-drittijiet ta' l-awtur minghajr id-debita licenzja u dan a tenur ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess Kap 196. Il-kwistjoni tat-tariffa kienet wahda sekondarja, u teffettwa aspett iehor tad-dibattitu, billi l-istess Qorti irriteniet li kien obbligu tas-socjeta` konvenuta li tadixxi l-Bord jekk, fil-fehma taghha, it-tariffa imposta ma kinitx ragjonevoli (ara f'dan ir-rigward l-Artikolu 15 ta' l-istess Kap 196). La darba l-istess socjeta` appellanti naqset milli tadixxi l-Bord hija kienet in kontravenzjoni tal-ligi billi xandret minghajr licenzja. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti din qeghda principalment tilmenta fuq il-*quantum* tad-danni likwidati billi skond l-istess socjeta` appellanti gialadarba s-socjeta` attrici qeghda titlob danni dawn, skond l-Artkolu 1045 tal-Kodici Civili, ghandhom jirrispekkjaw it-telf effettiv tas-socjeta` attrici.

F'dan il-kuntest issir referenza ghas-subartikolu tlieta (3) ta' l-artikolu 13 tal-Kap 196 fejn jinghad li "*Where any person infringes the copyright in a work he shall be liable, at the suit of the owner of such copyright, to be condemned by the Commercial Court to the payment of <u>damages</u> or to the payment of a fine ……"* Issa ma hemmx dubju li d-danni fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huma ekwivalenti ghal dawk ir-*Royalties* li l-istess socjeta` attrici tilfet bhala konsegwenza tal-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet qed titrazmetti minghajr id-debita licenzja, liema licenzja kienet timporta hlas skond it-tariffa ezistenti u mhux kontestata mill-istess socjeta` konvenuta. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn barra min-normal fil-

mod kif l-ewwel Qorti ghaddiet ghall-likwidazzjoni tad-danni billi dan kien l-aktar mod korrett u gust fic-cirkostanzi.  Dan l-aggravju wkoll ma hux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Finalment is-socjeta` appellanti hassitha aggravata bil-parti konklussiva tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti qalet hekk: "tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli xxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta` attrici".  F'dan ir-rigward qed jigi sottomess li din il-projbizzjoni taghmilha impossibbli ghas-socjeta` konvenuta ixxandar, anke muzika li mhux koperta bid-drittijiet ta' l-awtur u ta' interess ghas-socjeta` attrici, liema dritt gie moghti lilha mill-awtoritajiet kompetenti.

Kif sewwa gie osservat fir-risposta tas-socjeta` appellata kwalunkwe licenzja moghtija mill-Awtoritajiet lis-socjeta` appellanti ma taghtix lil dik is-socjeta` d-dritt li, a skapitu ta' terzi persuni interessati, xxandar muzika koperta bid-drittijiet ta' l-awtur.  Inotre jinghad li s-socjeta` appellanti ma gabet ebda prova ta' liema muzika qed tirreferi ghaliha, u fi kwalunkwe kaz is-socjeta` attrici hija l-unika enti f'Malta kompetenti li tikkoncedi licenzji u dan in vista ta' l-assenjazzjonijiet u licenzji moghtija lilha mis-socjetajiet affiljati.  Kull ma qed jinghad fis-sentenza hu li s-socjeta` konvenuta ma tkunx tista` ixxandar xoghlijiet tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici kontra l-ligi – haga li s-socjeta` attrici hija pjenament fid-dritt taghha li tassigura li ma jsirx qabel ma tigi ottenuta licenzja skond il-ligi.  Dan l-aggravju, ghalhekk, ukoll jidher mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata *in toto* u l-istess socjeta` konvenuta appellanti trid taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------